REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/731

tat-12 ta' Mejju 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1267 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 13(4) u 14(5) tiegħu, u r-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 23(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1266 tad-29 ta' Lulju 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1267 tad-29 ta' Lulju 2021 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ([4])

Billi:

1. MIŻURI FIS-SEĦĦ

1.1. Dazji anti-dumping

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 599/2009 ([5]), il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv, li jvarja minn EUR 0 sa EUR 198 għal kull tunnellata netta, fuq importazzjonijiet ta' esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin u/jew żejt tal-gass paraffiniku miksub minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, magħruf b'mod komuni bħala "bijodiżil", f'forma pura jew f'taħlita li jkun fiha bil-piż aktar minn 20 % ta' esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin u/jew żejt tal-gass paraffiniku miksub minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka ("l-Istati Uniti tal-Amerka"). Id-dazju anti-dumping impost minn dan ir-Regolament minn issa 'l quddiem jissejjaħ il-"miżuri anti-dumping oriġinali". L-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali minn issa 'l quddiem se ssir referenza għaliha bħala "l-investigazzjoni anti-dumping oriġinali".

(2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 444/2011 ([6]) il-Kunsill estenda, wara investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni, id-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 599/2009 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kanada kif ukoll jekk le. Permezz tal-istess Regolament, il-Kunsill estenda wkoll id-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 599/2009 għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil f'taħlita li jkun fiha bil-piż 20 % jew inqas ta' esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmin u/jew żejt tal-gass paraffiniku miksuba minn sinteżi u/jew minn trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.
([3]) ĠU L 277, 2.8.2021, p. 34.
([4]) ĠU L 277, 2.8.2021, p. 62.
([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 599/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 179, 10.7.2009, p. 26).
([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 444/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 599/2009 għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka għall-importazzjonijiet ta' bijodiżil ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarat li joriġinaw mill-Kanada, kif ukoll jekk le, u li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 599/2009 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil f'taħlita li fiha bil-piż 20 % jew inqas ta' bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerka, u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ikkunsinnati minn Singapore (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 12).

(3) Il-miżuri attwalment fis-seħħ huma dawk imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266, wara investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping oriġinali. Id-dazji anti-dumping fis-seħħ huma ammonti fissi li jvarjaw bejn EUR 0 għal kull tunnellata u EUR 198 għal kull tunnellata fuq l-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, EUR 115,6 għal kull tunnellata fuq l-importazzjonijiet mill-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u ammont fiss ta' EUR 172,2 għal kull tunnellata fuq l-importazzjonijiet mill-kumpaniji l-oħrajn kollha.

(4) L-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266 jipprovdi dan li ġej: "Skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv, tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni ta' importazzjonijiet minn kumpaniji li ma jwettqux ċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mill-Artikolu 1, mid-dazju estiż bl-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1)."

1.2. **Dazji kumpensatorji**

(5) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 598/2009 ([7]), il-Kunsill impona dazju kumpensatorju definittiv, li jvarja minn EUR 211,2 sa EUR 237 għal kull tunnellata netta, fuq importazzjonijiet ta' esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin u/jew żejt tal-gass paraffiniku miksub minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, magħruf b'mod komuni bħala "bijodiżil", f'forma pura jew f'taħlita li jkun fiha bil-piż aktar minn 20 % ta' esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin u/jew żejt tal-gass paraffiniku miksub minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka. Id-dazju kumpensatorju impost minn dan ir-regolament huwa minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-miżuri kumpensatorji oriġinali". L-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri kumpensatorji oriġinali minn issa 'l quddiem se ssir referenza għaliha bħala "l-investigazzjoni antisussidju oriġinali".

(6) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 443/2011 ([8]), wara investigazzjoni kontra l-evażjoni, il-Kunsill estenda d-dażju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 598/2009 għal importazzjonijiet ta' bijodiżil ikkunsinnat mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kanada kif ukoll jekk le. Permezz tal-istess Regolament, il-Kunsill estenda wkoll id-dazju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 598/2009 fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil f'taħlita li jkun fiha, skont il-piż 20 % jew inqas ta' esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin u/jew żejt tal-gass paraffiniku miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka.

(7) Il-miżuri attwalment fis-seħħ huma dawk imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1267, wara investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza tal-miżuri kumpensatorji oriġinali. Id-dazji kumpensatorji li huma attwalment fis-seħħ huma ammonti fissi li jvarjaw minn EUR 211,2 għal EUR 237 għal kull tunnellata netta fuq l-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi.

(8) L-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1267 jipprovdi dan li ġej: "Skont l-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2016/1037, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv, tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni ta' importazzjonijiet minn kumpaniji li ma jwettqux ċirkomvenzjoni tal-miżuri kompensatorji imposti mill-Artikolu 1, mid-dazju estiż bl-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1)."

2. **PROĊEDURA**

2.1. **Talba għall-eżenzjoni**

(9) Fis-7 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet talba għal eżenzjoni mill-miżuri anti-dumping u kumpensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kanada kif ukoll jekk le. It-talba saret mill-kumpanija Verbio Diesel Kanada Corporation ("l-applikant").

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 598/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 179, 10.7.2009, p. 1).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 443/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 li jestendi d-dazju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 598/2009 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kanada, kif ukoll jekk le, u li jestendi d-dazju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 598/2009 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil f'taħlita li fiha bil-piż 20 % jew inqas ta' bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika, u li jwaqqaf l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ikkunsinnati minn Singapor (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 1).

(10) It-talba kellha evidenza li Verbio kienet produttur esportatur ġdid u ssodisfat il-kriterji għal eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ("ir-Regolament anti-dumping bażiku") u l-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2016/1037 ("ir-Regolament bażiku antisussidju"), jiġifieri:

(a) ma esportax il-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu kienu bbażati l-miżuri;

(b) effettivament esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu ta' investigazzjoni jew li jkun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni;

(c) ma kienx involut fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(11) Il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talba kellha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 23(6) tar-Regolament antisussidji bażiku għall-għani li tiġi ddeterminata l-possibilità li l-applikant jingħata eżenzjoni mill-miżuri estiżi.

2.2. **Bidu**

(12) Fis-7 ta' Diċembru 2021, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2157 ([9]), il-Kummissjoni bdiet ir-rieżami tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266 u (UE) 2021/1267 bil-għan li tiddetermina l-possibbiltà li l-applikant jingħata eżenzjoni mill-miżuri estiżi. Fl-istess regolament il-Kummissjoni ħassret id-dazji anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266 fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-applikant u ordna lill-awtoritajiet doganali jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw dawn l-importazzjonijiet.

(13) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni tar-rieżami. Il-partijiet interessati kollha kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu smigħ mal-Kummissjoni, mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali jew it-tnejn li huma sal-limitu ta' żmien stipulat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2157. Ma wasal l-ebda kumment jew talba għal seduta ta' smigħ.

2.3. **Prodott taħt rieżami**

(14) Il-prodott li qed jiġi rieżaminat huwa esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, komunement magħruf bħala "bijodiżil", f'forma pura jew f'taħlita li fiha aktar minn 20 % ta' esteri monoalkiliċi aċidi xaħmija u/jew aċidi xaħmin u/jew żejt tal-gass paraffiniku miksub minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, ikkunsinnat mill-Kanada, sew jekk iddikjarat bħala li joriġina mill-Kanada kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 1516 20 98 (kodiċi TARIC 1516 20 98 21), ex 1518 00 91 (kodiċi TARIC 1518 00 91 21), ex 1518 00 99 (kodiċi TARIC 1518 00 99 21), ex 2710 19 43 (kodiċi TARIC 2710 19 43 21), ex 2710 19 46 (kodiċi TARIC 2710 19 46 21), ex 2710 19 47 (kodiċi TARIC 2710 19 47 21), ex 2710 20 11 (kodiċi TARIC 2710 20 11 21), ex 2710 20 16 (kodiċi TARIC 2710 20 16 21), ex 3824 99 92 (kodiċi TARIC 3824 99 92 10), ex 3826 00 10 (kodiċijiet TARIC 3826 00 10 20, 3826 00 10 50, 3826 00 10 89) u ex 3826 00 90 (kodiċi TARIC 3826 00 90 11).

2.4. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami**

(15) L-investigazzjoni se tkopri l-perjodu mill-1 ta' April 2009 sat-30 ta' Settembru 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami").

([9]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2157 tas-6 ta' Diċembru 2021 li jniedi rieżami tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266 u (UE) 2021/1267 li jestendu, rispettivament, id-dazju anti-dumping u kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kanada kif ukoll jekk le, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-possibbiltà li tingħata eżenzjoni minn dawk il-miżuri lil produttur esportatur Kanadiż wieħed, li jħassar id-dazju anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet minn dak il-produttur esportatur u li jagħmel l-importazzjonijiet minn dak il-produttur esportatur soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 436, 7.12.2021, p. 28).

2.5. **Investigazzjoni**

(16) Fis-7 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni talbet lir-rikorrenti jimla kwestjonarju sabiex tikseb l-informazzjoni li hija qieset neċessarja għall-investigazzjoni tagħha. Ir-rikorrent issottometta t-tweġiba għall-kwestjonarju fis-6 ta' Jannar 2022.

3. **KONSTATAZZJONIJIET**

(17) Fir-rigward tal-kriterju (a) kif imsemmi fil-premessa(10), l-evidenza kkonfermat li l-applikant huwa produttur ġenwin tal-bijodiżil fil-Kanada. Ġie stabbilit fl-2019 wara ftehim ta' xiri ta' assi li permezz tiegħu xtara impjant ta' produzzjoni tal-bijodiżil eżistenti. Barra minn hekk, l-investigazzjoni kkonfermat li l-applikant beda l-produzzjoni tal-bijodiżil tiegħu biss f'Awwissu 2019. Konsegwentement, l-applikant ma kienx jeżisti fiż-żmien tal-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali u ma setax jesporta bijodiżil lejn l-Unjoni matul dak il-perjodu (mill-1 ta' April 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010). B'hekk, l-applikant huwa konformi mal-kriterju (a).

(18) Fir-rigward tal-kriterju (b) kif imsemmi fil-premessa(10), il-Kummissjoni stabbiliet, abbażi tad-dokumenti sottomessi mill-applikant, li l-applikant esporta l-bijodiżil lejn l-Unjoni f'Lulju 2021, jiġifieri wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. Għalhekk, l-applikant ikkonforma wkoll mal-kriterju (b).

(19) Fir-rigward tal-kriterju (c) imsemmi fil-premessa(10), il-Kummissjoni ma sabet l-ebda prova li l-applikant xtara xi bijodiżil mill-Istati Uniti sa mill-istabbiliment tiegħu fl-2019 u/jew kien involut fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni setgħet tistabbilixxi, abbażi tad-dokumenti ppreżentati, li l-applikant huwa produttur ġenwin tal-bijodiżil fil-Kanada.

(20) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll, abbażi tad-dokumenti ppreżentati mill-applikant, li l-applikant mhuwiex relatat ma' xi produttur esportatur fl-Istati Uniti soġġett għall-miżuri antidumping jew kumpensatorji.

(21) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikant issodisfa l-kriterji skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament anti-dumping bażiku, u l-Artikolu 23(6) tar-Regolament antisussidji bażiku Għalhekk, jenħtieġ li l-applikant jiġi eżentat mid-dazji anti-dumping u kumpensatorji fis-seħħ skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1267.

(22) Għaldaqstant, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266 u (UE) 2021/1267 jenħtieġ li jiġu emendati.

4. **MODIFIKA TAL-LISTA TA' KUMPANIJI LI JIBBENEFIKAW MINN EŻENZJONI GĦALL-MIŻURI ESTIŻI**

(23) Minħabba s-sejbiet imsemmija hawn fuq, u skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1267, rispettivament, il-Kummissjoni kkonkludiet li jenħtieġ li l-applikant jiżdied mal-lista ta' kumpaniji li huma eżentati mill-miżuri anti-dumping u kumpensatorji imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266 u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1267, rispettivament.

(24) Il-partijiet interessati ġew infurmati bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżenta lil Verbio mid-dazji anti-dumping u kumpensatorji imposti fuq il-bijodiżil ikkunsinnat mill-Kanada u mistiedna jikkummentaw dwar dan. Ma wasal l-ebda kumment.

(25) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tabella li tidher fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1266 tinbidel bit-tabella li ġejja:

Pajjiż	Kumpanija	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
Kanada	BIOX Corporation, Oakville, Ontario, Kanada	B107
Kanada	DSM Nutritional Products Kanada Inc., Dartmouth, Nova Scotia, Kanada	C114
Kanada	Rothsay Biodiesel, Guelph, Ontario, Kanada	B108
Kanada	Verbio Diesel Kanada Corporation, Welland, Ontario, Kanada	C600

Artikolu 2

It-tabella li tidher fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1267 tinbidel bit-tabella li ġejja:

Pajjiż	Kumpanija	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
Kanada	BIOX Corporation, Oakville, Ontario, Il-Kanada	B107
Kanada	DSM Nutritional Products Kanada Inc., Dartmouth, Nova Scotia, Kanada	C114
Kanada	Rothsay Biodiesel, Guelph, Ontario, Kanada	B108
Kanada	Verbio Diesel Kanada Corporation, Welland, Ontario, Kanada	C600

Artikolu 3

(1) L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2157.

(2) L-ebda dazju definittiv mhu se jiġi impost b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN